**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Nru: 500/2022**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Elliot Magro)**

**-Vs-**

**OSWALD SCICLUNA**

**Illum, 14 ta' Ġunju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputatazzjonjiet miġjuba fil-konfront ta' **OSWALD SCICLUNA** bin Angelo u Giorgina xebba Camilleri, imwieled Luqa nhar it-22 ta' Ġunju 1972, residenti ġewwa l-fond bin-numru 29, Triq Tumas Galea, Luqa u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0282772M, akkużat talli nhar l-1 ta' Mejju, 2022, kif ukoll fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel din id-data b'diversi atti magħmula minnek fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ġewwa l-Luqa u f'dawn il-Gżejjer:

1. Ġiegħelt annimal jsofru uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, **u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(2) tal-Kap, 439 tal-Liġijiet ta' Malta;**

2. u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, żammejt jew qbilt li żżomm annimali mingħajr ma kont responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom, **u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(3) tal-Kap. 439 tal-Liġijiet ta' Malta;**

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, inqast milli tieħu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex tiżgura li l-ħtiġijiet tal-annimal li int kont responsabbli għalihom, jew li qbilt li tieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri ta' l-annimali li jinkludu fost oħrajn l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimali jesprimu l-imġieba normali tagħhom, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa u protezzjoni minn uġigħ, tbatija, korrimenti u mard, **u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(4) tal-Kap. 439 tal-Liġijiet ta' Malta;**

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-Liġi, tipprojbixxi lill imputat milli żżomm annimal jew milli tirrisjedi f'post fejn jinżammu l-annimali għal dak iż-żmien li jista jkun stabbilit mill-Qorti u dan skond l-Artikolu 45 subartikolu 1(b) tal-Kap. 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż imġarrba għat-trattament, rilokazzjoni jew konfiska ta' annimali minn kul post f'Malta, ir-revoka ta' kull permess maħruġ għal-operat ta' kull attivita' regolata taħt l-Att 439 tal-Liġijiet ta' Malta u għal spejjeż oħra raġonevoli kif il-Qorti jidhrilha xieraq bħala riżultat ta' dak ir-reat jew reati, u dan skond l-Artikolu 45 Subartikolu 3 tal-Kap. 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali sabiex dan il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja għall-fini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali;

Semgħet lill-imputat jiddikjara waqt l-eżami li mhux ħati u li m'għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bil-proċedura sommarja;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni u d-difiża waqt is-seduta tat-22 ta' Mejju 2023;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli bi tliet kapi ta' ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, ċioe' l-ksur tal-artikolu 8(2) tal-Att li jipprovdi, *inter alia*, li l-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, il-ksur tas-subartikolu (3) tal-istess artikolu, li jipprovdi illi kull min iżomm l-annimali jew jaqbel li jżomm animmali għandu jkun responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom, kif ukoll bil-ksur tal-obbligu maħsub fis-subartikolu (4) tal-artikolu 8 tal-Att, impost fuq min huwa reponsabbli għal annimal jew min jaqbel li jieħu ħsieb annimal, li jieħu l-passi kollha biex jiżgura li l-ħtiġiet tal-annimal jintlaħqu skont kif imfisser fl-istess subartikolu.

Mill-provi jirriżulta illi sar rapport minn Romina Frendo[1] lid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali[2], illi ġewwa l-fond Scicluna Farmhouse, Triq Bir Miftuħ, il-Gudja, kienu qed jinżammu żewġ żwiemel li kienu jinsabu f'kundizzjoni ħażina ta' saħħa. Fuq dan ir-rapport saret spezzjoni minn żewġ uffiċjali tad-Direttorat, Conrad Galea u Saviour Farrugia illi, in suċċint, xehdu quddiem il-Qorti illi fl-1 ta' Mejju 2022 filgħaxija, kienu ngħataw struzzjonijiet biex imorru fl-imsemmi post għall-għarrieda, fejn minn hemmhekk huma ċemplu lis-sid tal-post biex imur jiftħilhom, ġie fuq il-post l-imputat, Oswald Scicluna[3] u daħlu biex jaraw iż-żwiemel. Ittieħdu diversi ritratti taż-żwiemel waqt l-ispezzjoni[4] u ġie nnotat li ż-żwiemel kienu magħlubin, għalkemm għall-bqija kienu jidhru b'saħħithom għaliex kienu qed jiġru u jaqbżu. Xehdu wkoll li l-post kien adegwat għaż-żamma taż-żwiemel għaliex l-art tal-*paddock* kellha ramel adegwat u kien hemm kobor biżżejjed inkluż kmamar bil-bieb miftuħ fejn iż-żwiemel jistgħu jistkennu liema kmamar, madankollu, ma kienx fihom *bedding*. Ġie osservat ukoll li kellhom ikel u ilma. Iż-żwiemel ma kienux marbutin.

L-imsemmija uffiċjali għall-ħarsien tal-annimali fix-xhieda tagħhom ikkonfermaw ir-rapport li ġie minnhom imħejji b'rabta mal-ispezzjoni li saret fl-1 ta' Mejju 2022[5], f'liema rapport tniżżlu wkoll id-dikjarazzjonijiet li sarulhom mill-imputat, Oswal Scicluna, matul l-ispezzjoni. F'dan ir-rapport l-imputat ġie rapportat jgħid lill-uffiċjali illi huwa kien xtara pinnoli tal-ħniex għaż-żwiemel u jtihom x'jieklu tliet laned kull wieħed kuljum, iżda li kien nesa meta l-aħħar ġab veterinarju biex jeżamina liż-żwiemel. Dawn, skont l-imputat, għandhom iktar minn tlettax-il sena.

Daniel Briffa xehed[6] illi huwa kien tkellem ma' Oswald Scicluna telefonikament waqt l-ispezzjoni fejn staqsih għaliex iż-żwiemel kienu jinsabu fi stat ħażin u kien wieġbu li

---

[1] Chairperson tal-Animal Welfare Council u membru tal-NGO Real Animal Rights Foundation. Xhieda tal-1 ta' Novembru 2022.
[2] Daniel Briffa. Xhieda 12 ta' Ottubru 2022.
[3] L-imputat, ara xhieda ta' Saviour Farrugia, 12 ta' Ottubru 2022, paġna 34 tal-attu tal-kawża.
[4] Dawn ir-ritratti, li ttieħdu minn Conrad Galea, ġew esebiti fl-atti u ġew ikkonfermati mix-xhud bħala ritratti li ħadhom hu stess fl-1 ta' Mejju 2022 waqt l-ispezzjoni.
[5] Rapport Dok. DB4.
[6] Xhieda tat-12 ta' Ottubru 2022.

ilhom f'dak l-istat u kien qallu wkoll li kien ilu ħafna ma jġib veterinarju biex jinvistahom.

Mill-provi jirriżulta wkoll illi dawn iż-żwiemel ġew konfiskati dakinhar stess, 1 ta' Mejju 2022 fuq ordni tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali, iżda l-imputat irrifjuta li jiffirma n-nota tal-qbid (Dok. DB3). Iż-żwiemel ittieħdu ġewwa RMJ Horse Rescue fejn ġew eżaminati minn Dr. Steve Farrugia fit-2 ta' Mejju 2022. Instab li l-annimali kienu magħlubin, neqsin mill-piż u minn kura bażika, ikel u nutrijenti. Il-kundizzjoni tal-pil tagħhom ukoll kienet turi li kellhom nuqqas ta' xaħam u muskoli. Hemmhekk iż-żwiemel ingħataw il-kura meħtieġa, konsistenti fi trattament ta' *de-worming* (iżda dan biss bħala prekawzjoni u mhux għaliex ġie riskontrat xi sinjal li ma kienux qegħdin jiġu trattati kif jixraq fir-rigward), tindif tas-snien, mistrieħ u xi vitamini. Madanakollu, iż-żwiemel ma kellhom ebda kundizzjoni medika jew feriti[7] u ma kellhom bżonn ta' ebda mediċina partikolari jew interventi mediċi. Wara ftit ġimgħat il-kundizzjoni taż-żwiemel tjiebet ħafna sija bħala piż kif ukoll il-pil.

Id-differenza fl-istat taż-żwiemel bejn id-data tal-ispezzjoni fl-1 ta' Mejju 2022 u Diċembru 2022 meta xehdet Corinne Farrugia[8] hija evidenti: mill-provi jirriżulta illi meta ġew konfiskati, iż-żwiemel kienu ferm magħlubin[9] tant illi Dr. Steve Farrugia il-veterinarju il kien eżaminahom l-għada xehed illi minn skala ta' 1 sa 9, fejn l-iktar grad baxx jirrappreżenta annimal li jkun għadma u ġilda, huwa dehrlu li l-istat taż-żwiemel kien jikkorrispondi għall-grad 2 jew 3. Imbagħad ir-ritratti Dok. DB5 u Dok. DB6 kif ukoll dawk esebiti minn Corinne Farrugia juru ż-żwiemel wara li ġew trattati u fl-istat li jinsabu fih illum.

Ikkunsidrat;

Id-difiża tikkontendi illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tistabbilixxi fil-grad li jeħtieġ għal sejbien ta' ħtija kriminali, ness bejn iż-żwiemel u l-imputat u li hija mankanti l-

---

[7] Xhieda Corinne Farrugia, 12 ta' Diċembru 2022.
[8] Ritratti fuq USB drive Dok. CF1 ippreżentat 12 ta' Diċembru 2022.
[9] Ara ritratti Dok. DB2, ritratti f'paġni 20, 21 u 25, kif ukoll ritratti fuq USB drive Dok. CF1.

prova li l-imputat kellu l-pussess materjali jew kostruttiv taż-żwiemel in diżamina u konsegwentement, ma jistax jitqies li huwa persuna responsabbli għaż-żamma taż-żwiemel in diżamina. Ġie sottomess illi l-kunċett ta' responsabbilita' għall-annimal għall-fini tal-obbligi ravviżati fl-artikolu 8 tal-Att, huwa radikat fl-element tal-pussess materjali jew kostruttiv tal-annimal, pussess li f'dan il-każ qed jiġi allegat li ma ġiex ippruvat għaliex dak li jirriżulta mill-provi huwa li fiż-żmien meta saret l-ispezzjoni li tat lok għall-akkużi, fl-1 ta' Mejju 2022, iż-żwiemel kienu jinżammu minn missier l-imputat, Angelo Scicluna li kien jirrisjedi ordinarjament ġewwa Scicluna Farmhouse, Triq il-Bir Miftuħ, Gudja sakemm miet fil-5 ta' Lulju 2022[10]. Id-difiża ssostni ma hemm xejn fil-provi li juri li l-imputat jirrisjedi jew li għandu xi rabta jew konnessjoni mal-post fejn kienu qed jinżammu ż-żwiemel, għajr li din kienet ir-residenza ta' missieru li baqa' jgħix hemmhekk sal-ġurnata tal-mewt tiegħu xaharejn wara li ż-żwiemel ġew konfiskati.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi r-rabta bejn l-imputat u ż-żwiemel jirriżulta b'mod mill-iktar limpidu mill-istqarrijiet magħmula mill-imputat innifsu matul l-ispezzjoni li saret f'Scicluna Farmhouse, Triq il-Bir Miftuħ, Gudja, fejn mix-xhieda ta' Daniel Briffa u mir-rapport ikkonfermat bil-ġurament taż-żewġ uffiċjali għall-ħarsien tal-annimali li wettqu l-ispezzjoni, huwa evidenti li l-imputat ammetta li kien qed jieħu ħsieb iż-żwiemel billi jixtrilhom il-mediċina u jitmagħhom kuljum u ammetta wkoll li naqas milli jassigura li jiġu eżaminati minn veterinarju regolarment.

Iżda l-Qorti ma tqisx li għandha tagħti piż probatorju lil dawn l-istqarrijiet tal-imputat u tgħoddhom mal-ġabra tal-provi. Dan qed jingħad għaliex dawn l-istqarrijiet, li huma manifestamant inkriminanti għall-imputat, ġew rilaxxati minnu lil uffiċjali li għandhom setgħat ta' enforzar tal-liġi taħt l-Att (Kap. 439) meta dak il-ħin kien diġa' evidenti li kellu jitqies bħala persuna suspettata bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att. Mhux hekk biss, talli kienet diġa' dak il-ħin skattat investigazzjoni mill-Direttorat għall-Ħarisen tal-Annimali fejn Daniel Briffa, abbażi ta' dak li rrapportawlu l-uffiċjali

[10] Ara xhieda Connie Azzopardi, 27 ta' Frar 2023, Dok. CA1.

tiegħu fil-prezenza tal-imputat u dak li ddikjaralu l-imputat innifsu fit-telefonata li saret matul l-ispezzjoni, ordna l-konfiska taż-żwiemel.

F'sentenza reċenti ħafna mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-**ismijiet Il-Pulizja v. Joseph Tabone**[11], intqal hekk:-

"*Illi wkoll, għalkemm huwa minnu illi s-Sur Alfons Cauchi ma kienx uffiċjal tal-Pulizija jew rapprezentant ta' xi awtorita' investigattiva oħra, huwa minnu ukoll illi dan kellem lill-appellant fil-vesti tiegħu ta' Security Officer tal-kumpanija AirMalta. Dan magħdud, allura l-Ewwel Qorti ma setatx tasal għal konkluzjoni lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni illi din il-konfessjoni hekk magħmula mill-appellant kienet dik imsejjħa "extra ġudizzjarja" li fi kwalunkwe każ għaliha xorta waħda japplikaw id-disposizzjonijiet tal-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali:*

*"Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, kemm bil-miktub, b'mezzi awdjoviżwali jew b'mezzi oħra, tista' tittieħed bi prova kontra jew favur min, skont kif ikun il-każ, ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.*"

Applikat dan il-ħsieb għall-kwadru taċ-ċirkostanzi li fihom saru dawn id-dikjarazzjonijiet mill-imputat, fejn stqarr effettivament li huwa kien jieħu ħsieb liż-żwiemel in diżamina, ma jidhrix li dawn id-dikjarazzjonijiet saru bis-salvagwardji kollha li tagħti il-liġi, iktar u iktar meta kien evidenti illi dak il-ħin, l-imputat - li ġie msejjaħ mill-uffiċjali għall-ħarsien tal-annimali biex ikun preżenti għall-ispezzjoni li kienet qed issir fuq rapport dwar l-istat ħażin taż-żwiemel - kien suspettat bil-kummissjoni ta' reat tant illi matul l-istess spezzjoni, l-uffiċjali ċemplu lis-superjuri tagħhom għal direzzjoni fejn kif ingħad, ġiet ordnata l-konfiska tal-annimali dak il-ħin stess.

---

[11] Deċiża 25 ta' Novembru 2022.

Illi l-artikolu 355AUA(2) tal-Kodiċi Kriminali jistabbilixxi dawk l-istanzi li fihom is-suspettat għandu jingħata id-dritt li jikseb assistenza legali:-

*(2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:*

*(a)* ***qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali.***
*(b)* ***mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' natura investigattiva*** *jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħra skont is-subartikolu (8)(e);*
*(ċ) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà.*
*(d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti...* (emfasi tal-Qorti)

Huwa ormai assodat fil-ġurisprudenza in materja li tkun seħħet leżjoni għad-dritt tas-smiegħ xieraq tas-suspettat meta dawn id-drittijiet għall-assistenza legali ma jkunux ingħatawlu, meta jagħmel dikjarazzjonijiet jew atti oħra inkriminatorji fil-kors tal-investigazzjonijiet u meta mbagħad il-qorti tistrieħ fuq din l-evidenza sabiex issib il-ħtija.

Kif diġa' ngħad, fil-kapaċita' tagħhom ta' uffiċjali għall-ħarsien tal-annimali, Conrad Galea u Saviour Farrugia kellhom is-setgħa li jinvestigaw każijiet ta' nuqqas ta' trattament xieraq tal-annimali. Tant hu hekk illi din l-investigazzjoni magħmula minnhom permezz tal-ispezzjoni ġewwa Scicluna Farmhouse, Triq il-Bir Miftuħ, Gudja fil-prezenza tal-imputat, wasslet għall-konfiska taż-żwiemel billi kien hemm is-suspett li ġie kommess reat kriminali u eventwalment, għat-teħid ta' dawn il-proċeduri kriminali fil-konfront tal-imputat. Għaldaqstant, hekk kif ġie kostatat l-istat taż-żwiemel matul l-ispezzjoni, l-imputat kellu abbażi tal-artikolu 355AUA(2) tal-Kodiċi

Kriminali, jingħata dritt għal assistenza legali mill-uffiċjali għall-ħarsien tal-annimali, jedd li madankollu ma ngħatalux. Minflok, ġiet estrapolata mingħandu konfessjoni inkriminanti f'mument meta huwa kien ikkonsidrat bħala persuna suspettata u meta l-uffiċjali għall-ħarsien tal-annimali messhom kienu konsapevoli li d-dikjarazzjonijiet tiegħu setgħu jesponuh għal proċeduri penali u messhom għalhekk wissewh skont il-liġi li jista' jagħżel li ma jitkellimx jekk jidhirlu li jista' jinkrimina ruħu u li kellu dritt għal assistenza legali.

Il-korollarju ta' dan kollu, fil-fehma tal-Qorti hu, neċessarjament illi d-dikjarazzjonijiet inkriminanti magħmula mill-imputat f'dawn iċ-ċirkostanzi ma jistgħux jitqiesu li saru volontarjament u minn jeddu għall-fini tal-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali għaliex huwa ammetta li kien refa' xi xejra ta' responsabbilita' għaż-żwiemel in diżamina **meta kien rinfaċċjat bil-ksur inkriminatorju minn persuni ta' awtorita' li kienu qed jinvestigaw l-allegat ksur tal-obbligi legali taħt l-Att, liema dikjarazzjonijiet setgħu jġibu u effettivament ġabu fuqu konsegwenzi ta' natura penali**.

Il-Qorti għaldaqstant hija tal-fehma li f'ċirkostanzi bħal dawn, l-istqarrijiet tal-imputat li xehdu dwarhom Daniel Briffa u l-uffiċjali l-oħra għall-ħasrsien tal-annimali ma jistgħux jingħaddu bħala prova u sejra għalhekk tiskartahom.

Ikkunsidrat;

Illi, iżda, l-Qorti tħoss li għandha tosserva wkoll illi anke jekk għal mument dawn id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-imputat kellhom jitqiesu bħala konfessjonijiet extra-ġudizzjarji u għalhekk ma kienux meħtieġa dawk il-kawtieli legali għas-salvagwardjar tal-jedd għal smigħ xieraq, xorta waħda l-Prosekuzzjoni kien jeħtiġilha tressaq provi addizzjonali korroborattivi biex tissostanzja din il-konfessjoni.

Fis-sentenza fuq ċitata, fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Tabone**, il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet referenza għas-sentenza tat-3 ta` Diċembru 2004 mogħtija mill-

istess Qorti fis-sede superjuri tagħha, fil-kawża **Ir-Repubblika ta` Malta vs Salvatore sive` Saviour Bugeja**, fejn kien deċiż:

"*Issa hu accettat li kull dikjarazzjoni tal-akkuzat maghmula qabel, waqt jew wara l-att inkriminat tista' tingieb bhala prova kontra tieghu w l-konfessjoni li tkun saret volontarjament tista' tittiehed bhala prova tal-htija tieghu. Ta' spiss jinghad li l-konfessjoni tal-akkuzat hija l-prova regina. '.... Admissions or confessions to persons other than magistrates, if in writing, are proved as any other written instrument .. If made by parol, they are proved by parol evidence of some person who heard them. What a prisoner has been overheard to say to another, or to himself, is equally admisible; though it is evidence to be acted upon with much caution, as being liable to unintentionally misinterpreted by the witnessess. (Archbold page 376)*"

L-istess Qorti ċitat ukoll lill-Professur Mamo li fin-noti tieghu dwar proċedura kriminali[12], jgħallem illi:

"*Extrajudicial Confessions are those were the defendant either expressly confesses his guilt or makes admission of facts from which his guilt may be implied, under any circumstances other than those described in respect of judicial confessions. They may be in writing or oral.*

*So that a confession may be received in evidence against the person who made it the law (sec.658) requires that it shall appear that such confession was made voluntarily and was not extorted or obtained by means of threats or intimidation, or of any promise or suggestion of favour. There is no presumption in law that a confession not free and voluntary is false; it is excluded on the ground that improper threats or promises may influence an accused or suspected person to say what is not true, and therefore a confession made in such circumstances cannot be safely acted upon.*

---

[12] F'pagni 100-101.

*It is obviously right that a person knowing his guilt should, if he so wishes, confess at the earliest opportunity, and there is no reason why he should be discouraged from so doing. But the law requires that the confession shall have been made voluntarily and, in the practice of our courts, the prosecution must give affirmative 'prima facie' evidence that it was so made. The law says 'voluntarily' and not 'spontaneously'……"*

Il-Qorti kompliet tgħid:-

"*Għalkemm dawn it-tip ta' konfessjonijiet allura huma ammissibbli bħala prova,* ***madanakollu min irid jiġġudika jrid jimxi b'kawtela kbira meta jkun hemm ammissjonijiet li ma jsirux quddiem xi awtorita' investigattiva jew ġudizzjarja, fejn allura jrid isir stħarriġ mill-qorti dwar jekk hemmx evidenza oħra li hija kompatibbli o meno ma' tali konfessjonijiet u ċioe' jekk hemmx provi diretti jew provi indizzjarji univoċi li jagħtu is-saħħa lill-istqarrijiet extra-gudizzjarji inkriminatorji***. (emfasi ta' din il-Qorti)

Din il-Qorti għalhekk sejra tistħarreġ il-provi biex tiddetermina jekk il-Prosekuzzjoni, lil hinn mill-istqarrijiet inkriminanti magħmula mill-imputat matul l-ispezzjoni mwettqa mill-uffiċjali għall-ħarsien tal-annimali, ressqet provi oħrajn li jikkorroboraw it-teżi tagħha illi l-imputat kien responsabbli għaż-żamma taż-żwiemel jew kien persuna li kien jieħu ħsieb jew li aċċetta li jieħu ħsieb dawn iż-żwiemel.

Tibda biex tosserva illi ebda wieħed mir-reati addebitati lill-imputat ma jeħtieġu għal sejbien ta' ħtija, prova li l-aġent tar-reat, ċioe' il-persuna li tkun gieghlet l-annimal isofri tbatija, uġigħ jew dwejjaq jew il-persuna li naqset milli tittratta l-annimal b'mod xieraq jew milli tieħu l-passi biex jintlaħqu l-ħtiġiet tal-annimal, tkun is-sid tal-annimal.

L-artikolu 8 tal-Kap. 439 jixħet l-obbligu ġenerali għall-ħarsien tal-annimal u ghat-trattament xieraq tieghu mhux biss fuq il-persuna li hija "*responsabbli*" għalih, iżda wkoll fuq "*kull min iżomm l-annimali jew jaqbel li jżomm animmali*" u fuq kull min

"*jaqbel li jieħu ħsieb l-annimal*". Fil-fehma tal-Qorti il-kunċett ta' "*responsabbilita'*" għal annimal għall-fini tal-Att, speċifikatament l-artikolu 8, għandu jingħata tifsira wiesa' u estensiva u dan sabiex l-għanijiet tal-liġi, ċioe' biex jiġi assigurat u konsolidat il-protezzjoni u l-benesseri tal-annimali, jintlaħqu bl-iktar mod effettiv. Kemm hu hekk, id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) jixħtu obbligu ġenerali fuq **kull persuna** u mhux biss fuq il-persuna "*responsabbli*" għall-annimal, biex jassigura illi "*L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn...*" Dan ifisser illi persuna li jiġi ppruvat illi ġiegħlet lil annimal ibati jew isofri dwejjaq bla bżonn, kif maħsub fis-subartikolu (2), tkun passibbli għall-pieni stabbiliti mill-Artikolu 45 *et sequitur* tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali anke jekk ma tkunx il-persuna li effettivament iżżomm l-annimal jew qablet li tieħu ħsiebu. *Multo magis* għalhekk, persuna li żżomm l-annimal jew taqbel li żżomm jew tieħu ħsieb l-annimal.

Il-Qorti fliet l-atti u l-provi kollha proċesswali iżda ma riskontrat ebda prova oħra, għajr għax-xhieda taż-żewġ uffiċjali għall-ħarsien tal-annimali u s-superjur tagħhom Daniel Briffa li lkoll xehdu dwar dak li qalilhom l-imputat dwar iż-żwiemel waqt l-ispezzjoni, li torbot lill-imputat maż-żwiemel jew mal-post fejn kienu qed jinżammu. Fil-fatt, ħlief għall-fatt li l-post fejn kienu qed jinżammu ż-żwiemel huwa ta' missieru Angelo Scicluna, ma hemm ebda prova oħra li torbot lill-imputat maż-żwiemel.

Huwa minnu li ġie ppruvat bħala fatt li kien l-imputat innifsu li wieġeb it-telefonata tal-uffiċjali għall-ħarsien tal-annimali biex imur fuq il-post ħalli ssir l-ispezzjoni, u li huwa kien tassew preżenti waqt l-ispezzjoni, iżda mhux ċar kif sar il-kuntatt mal-imputat, min tahom in-numru tat-telefon u għaliex l-uffiċjali irreferew għalih bħala "*sid*" il-post. F'kull każ, m'hemmx prova li n-numru li huma ċemplu fuqu huwa tal-imputat jew reġistrat f'ismu. Għalkemm mill-fatt li l-imputat mar fuq il-post għall-fini tal-ispezzjoni jfisser li għandu jew kellu dak iż-żmien xi xejra ta' legam mal-post fejn kienu qed jinżammu ż-żwiemel, hija l-fehma tal-Qorti illi r-rabta mal-post mingħajr prova ta' rabta mal-annimali (fis-sens appena mfisser), il-fatt li l-imputat wieġeb it-telefonata u mar fuq il-post biex titwettaq l-ispezzjoni, m'huwiex biżżejjed

biex jirradika fl-istess imputat l-obbligi maħsuba mill-liġi fl-artikolu 8 tal-Att. Wisq inqas meta fl-atti u fil-provi proċesswali ma teżisti ebda prova diretta jew ċirkostanzjali oħra li turi li l-post huwa tal-imputat, jew għandu xi titolu fuqu jew li turi li l-imputat kien tabilħaqq qed jieħu ħsieb iż-żwiemel jew kien qed iżomm dawn iż-żwiemel huwa stess, jew li aċċetta li jieħu ħsiebhom. Kif rajna, il-liġi titkellem fuq responsabbilita' u fuq żamma effettiva ta' **annimal u mhux tal-post fejn jinsab miżmum l-annimal**. Għalkemm il-pussess materjali tal-post fejn jinżamm l-annimal jista' jitqies bħala fattur indikattiv tar-responsabbilita' jew żamma tal-annimal, żgur li dan waħdu mhux biżżejjed biex jikkostitwixxi prova determinanti jew konklussiv tar-responsabbilita' jew iż-żamma tal-annimal jew tal-aċċettazzjoni tal-kustodja tiegħu.

Dan kollu qed jingħad, fuq kollox, miżmum ferm il-fatt ewlieni li dak iż-żmien, missier l-imputat Angelo Scicluna, kien għadu ħaj u mill-provi li ressaq l-imputat, jirriżulta li kien hu u mhux l-imputat, li kien jgħix ġewwa Scicluna Farmhouse, Triq il-Bir Miftuħ, Gudja, fejn kien irabbi l-annimali u jieħu ħsieb iż-żwiemel in diżamina. Ġie ppruvat ukoll illi r-residenza ordinarja tiegħu kienet proprju ġewwa Scicluna Farmhouse, Triq il-Bir Miftuħ, Gudja, fejn kienu qed jinżammu ż-żwiemel meta ġew konfiskati[13].

Mill-provi li ressqet id-difiza, ġie ppruvat li Angelo Scicluna miet fil-5 ta' Lulju 2022 ċioe' iktar minn xaharejn wara li saret l-ispezzjoni li tat lok għall-akkużi odjerni u kollox juri illi fl-1 ta' Mejju 2022, id-data tal-ispezzjoni, u fil-perijodu msemmi fiċ-ċitazzjoni, Angelo Scicluna kien għadu qed jgħix fl-indirizz fejn kienu qed jinżammu ż-żwiemel li ġew konfiskati, bħala r-residenza ordinarja tiegħu fejn kien ilu jgħix għal diversi snin. Ġie ppruvat ukoll sal-grad tal-probabbli li Angelo Scicluna baqa' jgħix f'dan l-indirizz sal-ġurnata tal-mewt tiegħu, 5 ta' Lulju 2023 u ma ntweriex li mar jgħix f'post ieħor fil-perijodu tal-akkużi kif imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Dan qed jingħad mhux biss mix-xhieda ta' Alexander Scicluna iżda wkoll għaliex il-provi juru li Angelo Scicluna kien reġistrat mad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali u ma' Identity Malta bħala residenti ordinarjament ġewwa Scicluna Farmhouse, Triq il-Bir Miftuħ,

[13] Ara xhieda Joseph Rivan, rappreżentant ta' Identity Malta, 27 ta' Frar 2023.

Gudja, u għall-fini tar-records tal-Isptar Mater Dei, ukoll kien reġistrat li joqgħod f'dan l-indirizz. Effettivament ma jirriżulta minn imkien li Angelo Scicluna seta' kien joqgħod x'imkien ieħor jew kellu residenza oħra tant illi ġie ppruvat ukoll li huwa kien jikri għal diversi snin raba' bi qbiela mingħand il-Gvern ġewwa l-Gudja stess[14] u kellu wkoll permess maħruġ f'ismu mid-Dipartiment għas-Servizzi Veterinarji biex iżomm annimali bħal baqar, mogħoż u nagħaġ ġewwa Scicluna Farmhouse, Triq il-Bir Miftuħ. Gudja[15]. Jirriżulta wkoll li Angelo Scicluna ġie ammess l-Isptar fil-5 ta' Lulju 2021 għaliex kien qed ibati minn uġigħ ta' ras sa mill-ġurnata ta' qabel u qabel miet dakinhar stess, huwa kien jgħix indipendentement[16]. Dan ġie konfermat ukoll minn Alexander Scicluna, bin l-istess Angelo Scicluna li xehed illi missieru kien għadu jgħix fil-farmhouse in diżamina sal-ġurnata tal-mewt tiegħu[17]. Għalhekk, kollox jindika illi l-isfera tal-eżistenza ta' Angelo Scicluna kienet konċentrata ġewwa Scicluna Farmhouse, Triq il-Bir Miftuħ, Gudja.

Dawn il-provi jikkonfortaw it-teżi tad-difiża illi jekk kien hemm persuna li fl-1 ta' Mejju 2022 kien qed iżomm iż-żwiemel in diżamina ġewwa Scicluna Farmhouse, Triq il-Bir Miftuħ, Gudja, kien Angelo Scicluna u mhux l-imputat. Din il-konklużjoni hi msaħħa ulterjorment bix-xhieda ta' Alexander Scicluna, ħu l-imputat li xehed illi missieru kien pensjonant u kien jgħix waħdu ġewwa din il-proprjeta' fejn kien irabbi l-annimali. Ikkonferma wkoll li ż-żwiemel li ġew konfiskati mid-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Annimali, kienu ttieħdu mill-pussess ta' missieru għaliex kienu tiegħu u kienu jinżammu minnu fil-proprjeta' fejn kien jgħix ċioe' Scicluna Farmhouse, Triq Bir il-Miftuħ, Gudja sa ma miet.

Għalkemm hu minnu li Lawrence Axisa, xhud in difesa, xehed illi l-imputat kien imur jixtri l-ġwież għall-annimali mingħandu, m'huwiex ċar mix-xhieda tiegħu għal liema perijodu kien qed jagħmel referenza u l-Qorti ma tqisx illi tista' tislet mix-xhieda tiegħu prova li l-imputat kien jieħu ħsieb jixtri l-ġwież għaż-żwiemel in diżamina fiż-

---

[14] Xhieda Joan Galea, 27 ta' Frar 2023.
[15] Xhieda Joseph Calleja, 27 ta' Frar 2023.
[16] Ara Dok. GS1 – case summary report u Dok. GS2 indirizz reġistrat fis-sistema tal-Isptar Mater Dei.
[17] Xhieda tal-20 ta' Marzu 2023.

żmien meta kienu għadu ħaj missieru Angelo Sciberras, bħalma tistax teskludi lanqas li l-imputat kien qed jixtri l-ġwież għal annimali oħrajn li jirriżulta li jinsabu fir-razzett, f'perijodu wara li miet Angelo Scicluna u jew wara l-konfiska taż-żwiemel.

Għaldaqstant, kollox magħdud, hija l-fehma tal-Qorti li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq provi sodisfaċjenti li jorbtu l-imputat Oswald Scicluna mal-post u aktar minn hekk, maż-żwiemel, u fil-fatt, għajr għad-dikjarazzjonijiet inkriminanti tal-imputat magħmulin bi ksur tad-drittijiet legali tiegħu, il-Qorti ma riskontratx provi oġġettivi li jistabbilixxu l-element materjali tar-rabta bejn l-imputat u l-annimali – kif jeħtieġ l-artikolu 8 tal-Att - liema element huwa wieħed kostituttiv tar-reati li jinsab mixli bihom l-imputat odjern.

**Għal dawn il-motivi kollha, ma ssibx lil OSWALD SCICLUNA ħati ta' ebda waħda mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrih, u tilliberah minn kull ħtija u piena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**